MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 198/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Raymond Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli mit-30 ta' Settembru, 2007 sat-18 ta' Frar, 2008

1. naqas milli jaghti l-manteniment lill-martu Maria Lygia Saliba ghat-tfal minuri Sean u Kester, skond kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni tat- 13.02.2003 quddiem in-Nutar Dottor Sandra Valentino;
2. bhala ufficjal pubbliku, ikkommetta ir-reat imsemmi meta kellu jissorvelja biex l-imsemmi reat ma jsirx u

minhabba il-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi, w dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 338(z) u l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospiza ghal sena, ai terminu tal-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ordnat hlas ta' €1118 fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w dana billi tillibera lill-appellant minn kull piena w imputazzjoni w, minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma l-piena w tinfliggi piena aktar idonea li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti li jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti limitatament ghal meta giet biex tinterpreta l-klawsola numru 6 tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq citat. Fil-fatt din il-Qorti kienet tal-fehma wara li semghet ix-xiehda tar-rapprezentanti tal-ETC u tal-ELC, illi ulied l-appellant ma kienux impjegati ai termini tal-ligi peress illi l-iskema ta' tahrig ma tikkwalifikax bhala impjieg skond id-definizzjoni ta' Kap. 452. Illi l-appellant ma jaqbilx ma din l-interpretazzjoni peress illi s-separazzjoni ta' bejn l-appellant u martu kienet wahda bonarja, ossia permezz tal-kuntratt sopra indikat. Illi huwa propju dan il-kuntratt illi jirregola l-manteniment tal-partijiet u mhux Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-appellant qatt ma kellu l-intenzjoni li jaghti xi interpretazzjoni stretta lil din il-kelma jew interpretazzjoni skond id-definizzjoni ta' Kap. 452. Illi

meta l-appellant iffirma l-kuntratt tas-separazzjoni huwa ried illi l-kelma “impjieg” tkun moghtija interpretazzjoni semplici kif persuna mhux intiza fil-ligi taghti lil din il-kelma, ossia interpretazzjoni illi tkopri kull tip ta’ xoghol jew servizz li uliedu setghu jaghtu versu kumpens jew introjtu. Fil-fatt, ulied l-appellant kienu qeghdin jahdmu u jaghtu s-servizz taghhom taht din l-iskema ta’ ETC lil ELC u ta’ tali xoghol u servizz huma kienu qeghdin jircievu introjtu tajjeb. Dan kollu gie kkonfermat kemm mir-rapprezentant ta’ l-ETC u kemm minn rapprezentant ta’ l-ELC meta ddeponew quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi l-appellant agixxa b’dak il-mod u manjiera, stante li l-appellant kien qieghed jahseb li uliedu kienu qeghdin jahdmu w kienu qed jircievu introjtu tajjeb ghal xogholhom. Skond il-gurisprudenza nostrana, jekk persuna tahseb li kien jezisti fatt jew kienet tezisti cirkostanza li kieku veru ezistiet, kien jigi nieqes l-element materjal kostituttiv tar-reat (jew ghall-anqas wiehed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat), dak huwa zball ta’ fatt, u ghaldaqstant dik il-persuna ghandha tigi lliberata mill-akkuza jew imputazzjoni migjuba kontriha. Hekk kien intqal mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza “Il-Pulizija vs Raymond Buhagiar” [12.09.1996]. huwa manifestament car li l-appellant ma hallasx il-manteniment, sempliciment ghax skond il-fehma genwina tieghu kien jezisti fatt li t-tfal tieghu sabu impjieg (fil-fatt kien l-appellant stess illi hajjar lill-uliedu jinkitbu taht din l-iskema) u li ghalhekk ezenta lilu nnifsu mill-obbligu tal-manteniment. Di piu, l-appellant ibbaza l-fehma tieghu fuq il-kuntratt tas-separazzjoni li jinstipula r-rieda w l-fehma ta’ min iffirmah. Hekk kif l-istess minuri waqfu minn din l-iskema ta’ l-ETC l-appellant rega’ beda jissoministra l-manteniment bhal qabel minghajr dewmien, hekk kif jistipula l-imsemmi kuntratt.

Illi l-appellant anke lest li jhallas il-pendenzi kollha, addirittura fl-ewwel seduta stess ta’ dan l-appell sabiex juri l-forma mentis onorabblis tieghu u s-sens ta’ kooperazzjoni ma’ martu u ma’ uliedu, dejjem jekk din il-Qorti tkun ta’ l-istess fehma bhal dik tal-Qorti tal-Magistrati u cioe’ li l-interpretazzjoni tal-kelma “impjieg” ghandha tkun skond dik ta’ Kap. 452 u mhux skond kif l-appellant u martu riedu jfisru meta ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni w id-difiza ta’ zball fuq fatt ma tregiex fic-cirkostanzi tal-

kaz. Illi dan kollu gie spjegat quddiem l-Ewwel Qorti, pero, din il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet.
Illi l-appellant jifhem illi l-piena li giet inflitta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi, pero, hija wahda stretta w harxa wisq tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u l-animu ta' l-appellant. L-appellant huwa ufficjal tal-Pulizija u tali kundanna jista' jkollha riperkussjonijiet serji, u sahansitra jista' jigi terminat l-impjieg ta' l-appellant bil-konsegwenza li jitlef il-pensjoni tieghu. Xi haga illi l-anqas mart l-appellant stess ma trid li ssehh.

Semghet fl-udjenza tal-lum ix-xhieda ta' Maria Lygia Saliba.

Rat il-verbal li bih l-appellant irtira l-aggravji kollha tieghu dwar il-mertu w zamm ferm biss dak li jikkoncerna l-piena.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li biha rrinunzjat u rtirat it-tieni akkuza stante c-cirkostanzi.

Peress illi rrizulta mill-istess xhieda ta' mart l-appellant illi l-hlas ordnat mill-Ewwel Qorti tal-manteniment arretrat gie kompletament issaldat fit-13 t'Ottubru ta' din is-sena, cioe' fil-mori ta' dan l-appell u peress ukoll li l-istess Maria Lygia Saliba ddikjarat li m'ghandha ebda interess aktar fil-proceduri penali istitwiti kontra l-appellant u li hija tahfirlu ghal dak li ghamel u In vista tal-fatt illi hemm dan l-izvilupp tant posittiv fil-mori tal-appell, din il-Qorti jidhrilha li hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabat lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w minnflok tiddikjara din it-tieni akkuza rtirata w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha f'dan l-istadju w tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w fejn ordnat il-hlas ta' € 1118 fiz-zmien xahar ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'

Malta w minflok tikkundanna lill-appellant ghal twissija w twiddiba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------